MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 517/2006

**Fl-Atti tar-Rikors Numru 517/06 tat-3 ta' April, 2006, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet:**

**BAJJA DEVELOPMENTS LIMITED**

**vs**

**AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors u d-dokumenti mehmużin miegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fil-5 ta' April, 2006, flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Tqis li t-talba tal-kumpannija rikorrenti hija dik li, għar-raġunijiet imfissra b'dettal kbir fir-Rikors promotur, iżżomm lill-Awtorita' intimata milli tifformalizza l-ħruġ ta' permess għall-iżvilupp li ntwera li diġa' ngħata "verbalment" xi jiem qabel tressaq l-istess Rikors;

Tqis li l-bażi ewlenija li fuqha jinbena r-Rikors promotur hija x-xilja li l-Awtorita' intimata abbużat mis-setgħat tagħha u li wettqet "omissjonijiet gravi", billi l-bini li issa jidher li ħarġet il-permessi għall-iżvilupp dwaru kien, sa ftit żmien ilu, bini skedat li ma kellux jintlaqat minn żvilupp ġdid;

Tqis li l-liġi trid li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinħareġ biss jekk ikun meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u jekk kemm-il darba jidher mad-

daqqa t'għajn li r-rikorrent għandu dawk il-jeddijiet[1]. Kif ingħad, "jew il-jeddijiet jidhru mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-Mandat"[2]. Bħal kull Mandat kawtelatorju ieħor[3], l-għan tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa wkoll dak li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tar-rikorrent. Dan ifisser li l-qagħda tar-rikorrent tkun tali li, jekk il-Mandat ma jinħariġx, il-jeddijiet tiegħu sejrin iġarrbu ħsara li ma tissewwiex mod ieħor[4];

Tqis li l-ħruġ ta' permess għall-iżvilupp ikun dejjem bla ħsara għall-jeddijiet ta' terzi li ma jkunux talbu l-permess għall-iżvilupp imma li għal xi raġuni jkollhom interessi oħrajn li jistgħu jiġu effettwati mill-iżvilupp approvat;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti tista' titqies bħala terza persuna fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-iżvilupp li dwarhom tressaq ir-Rikors promotur, u għalhekk, l-istess kumpannija rikorrenti jidher mad-daqqa t'għajn li għandha interess dirett f'dak il-permess;

Tqis, iżda, li l-interess ġuridiku huwa biss wieħed mill-elementi tal-jedd, u ma jikkostitwix waħdu l-jedd fih innifsu;

Tqis li l-permess għall-iżvilupp jitqies li jiswa u jibqa' jiswa, sakemm ma titressaqx raġuni tajba biex twaqqgħu, kemm waqt il-proċess innifsu tal-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni mill-iżviluppatur[5], u kif ukoll b'meżżi ġudizzjarji wara li jkun inħareġ. Il-ħruġ ta' permessi għall-iżvilupp huwa wieħed mis-setgħat li l-liġi tqiegħed f'idejn l-Awtorita' intimata, u għalhekk, bħala tali, l-ħruġ tal-permessi li minnhom tilminta l-kumpannija rikorrenti ma jistax jitqies, waħdu, bħala għamil lil hinn mis-setgħat tagħha[6]. F'dan l-istadju, l-Qorti ma tistax tgħaddi ġudizzju dwar is-siwi tar-raġunijiet li fuqhom l-Awtorita' mħarrka għażlet li tapprova l-applikazzjoni għall-iżvilupp taż-żewġt

---

[1] Art. 873(2) tal-Kap 12
[2] App. Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[3] Art. 829 tal-Kap 12
[4] Kumm. **22.9.1994** fl-atti tar-Rikors Nru. 3135/94NA fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[5] Per eżempju, Artt. 15 u 37(1) tal-Kap 356
[6] Artt. 30(1) u 32 tal-Kap. 356

idjar imsemmija fir-Rikors. Dak huwa ġudizzju li jista' jingħata biss minn Qorti fi proċeduri speċifiċi li bihom jiġi mistħarreġ l-għamil tal-istess Awtorita' intimata;

Tqis għalhekk, li l-ħruġ tal-Mandat ma jagħtix lok għar-rimedju tal-istħarriġ, daqskemm iċ-ċaħda għall-ħruġ tal-Mandat ma żżommx lil kull min għandu interess milli jfittex tali rimedju b'ħarsien ta' jeddjietu;

Tqis ukoll li l-permessi għall-iżvilupp li minnhom tilmenta l-kumpannija rikorrenti m'humiex se' jolqtu ġid tagħha jew direttamernt l-iżvilupp li hija kienet għamlet fil-lukanda minnha ġestita, u dan jirrendi l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat waħda sekondarja għall-istess rikorrenti[7];

Tqis ukoll, minbarra dan kollu, li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax jinħareġ biex iżomm lil xiħadd milli jwettaq jew ikompli jwettaq xi ħaġa li diġa' saret[8];

Għalhekk, il-Qorti ssib li ma jikkonkorrux f'dan il-każ l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub mill-kumpannija rikorrenti, u għalhekk qegħda tiċħad it-talba tagħha, bl-ispejjeż.

Mogħti llum, 8 ta' April, 2006.

[7] P.A. **3.4.2002** fl-Atti tar-Rikors Nru. 600/02 fl-ismijiet ***Polidano Bros. Ltd. vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et.***
[8] P.A. RCP **23.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***James Pearsall et vs Maurice Żarb Adami et***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------